# IL-Ħuttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 29
Novembru Diċembru 1998

BirdLife MALTA
*L-Għaqda għall-Għasafar*

paġ 3



**Big Big Bird!**

paġ 10



MIN SE JKUN
***Il-Ħuttafa tas-Sena?***



Victor Falzon

**Berwieq**

karta riċiklata

editorjal

# Ħbieb! Ħuttaf






**Għaliex fuq il-kartolini tal-Milied spiss jidher il-pitirross? X'għandu x'jaqsam il-pitirross mal-Milied?**

Kollu tort ta' l-Ingliżi...

Kif tafu fi żmien il-Milied kulħadd jibgħat il-kartolini. Għalhekk f'daż-żmien il-pustier isir bniedem mistenni ħafna, biex naraw min bagħat jixtiqilna l-Milied it-Tajjeb, ħalli mbagħad aħna nwiġbuh! Issa ġara li fis-seklu l-ieħor, il-pustiera Ingliżi kienu jilbsu uniformi ħamra. Ħeqq, il-pitirross ukoll għandu 'uniformi' ħamra! U ħaġa ġġib lill-oħra. L-Ingliżi, li lill-pitirross iħobbuh ħafna, lill-pustier ma damux ma bdew ixebbħuh mal-pitirross u jsejħulu Robin! U għalhekk dan l-għasfur grazzjuż beda jitfaċċa fuq il-kartolini tal-Milied, iġorr l-ixkora bil-kartolini. U sar l-għasfur maskot tal-Milied!

Għalina dan jagħmel sens ukoll, għax il-pitirross huwa wieħed mill-għasafar li nistgħu naraw fi żmien il-Milied. Dan għaliex fix-xitwa ħafna pitirrossi jkunu f'dan-naħat ta' l-Ewropa biex jiffrankaw il-ġelu li jkun qed jagħmel f'pajjiżhom.

Gawdu l-istaġun tal-Milied, ħbieb. Gawdu l-vaganzi, ir-rigali, u gawdu l-pitirrossi. **Fil-beraħ!**

**Victor**

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet ta' Malta | paġ 3 |
| X'għandna mid-Dinja? | paġ 3-4 |
| Kompetizzjoni 29 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...il-BOROK | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Flora Madwarna | paġ 6 |
| Gallerija | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Ħmerijiet li Nisma' | paġ 9 |
| Ħuttafa tas-Sena | paġ 10 |
| Mill-Album | paġ 10 |
| Avviż | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera: Mhux Sew! | paġ 12 |




Gamblu ta' l-Għadajjar




## Ritratt ta' Quddiem

### Berwieq

Branched Asphodel *Asphodelus aestivus*

Pjanta ħelwa u eleganti tal-kampanja. Tikber fix-xitwa, u anke fir-rebbiegħa. Mhix xi pjanta fitta - tikber f'ħafna ħabitati, anke ma' ġnub it-toroq tal-kampanja. Il-fjuri jikbru fuq zokk twil, u kull fjura għandha faxx irqiq kannella fuq il-petali. Qisu xi ħadd ma kellux x'jagħmel u qagħad ipittirhom waħda waħda...

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**57/12 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12 Tel 347646 Fax 343239**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Novembru 1998

Aħbarijiet

# F£££amingoe$$$ !!!



BirdLife Pictures

Fil-maltemp li għamel f'Novembru dehru numru ta' fjamingi (greater flamingoes), dawk l-għasafar strambi li trid tarahom biex temmen li jeżistu. Dawn l-għasafar ibejtu f'xi nħawi tal-Mediterran, bħal Camargue, riserva kbira fi Franza. Imbagħad jgħaddu x-xitwa f'postijiet bħal Lac Ichkeul, park sabiħ fit-Tuneżija. Għalhekk mhux rari li jidhru x'uħud f'Malta li jkun forsi ħadhom ir-riħ.

Imma hawn Malta l-fjamingi mhux riservi u parks isibu, imma s-snieter tal-kaċċaturi.

Din il-ħarifa nqatlu ħafna, u smajna li l-kaċċaturi qegħdin jitolbu sa Lm250* għal kull fjamingu mejjet!

X'wiċċ tost! Jisirqu n-natura, u jagħmlu n-negozju minnha. Imbagħad isejħu lilhom infushom ambjentalisti. Ħalluna!



(u mhux Lm2.50 kif deher f'waħda mill-gazzetti!)

X'għandna mid-Dinja!

# Mostru!!



National Geographic

Le, mhuwiex wieħed mill-mostri ta' Oħloq Annimal. Dan l-għasfur veru kien jeżisti! Xi 8 miljun sena ilu...

L-għadam goff tiegħu instab dan l-aħħar f'Alcoota, fil-qalba ta' l-Awstralja. L-istudjużi qalu li kien mir-razza tal-papri, imma fid-daqs kien enormi: 3 metri u fuqhom! Jiġifieri anke ngħama (ostrich) kien ikollha tgħolli wiċċha 'l fuq biex tħares f'għajnejh!! Dan huwa s'issa l-ikbar għasfur (li nafu bih) li qatt eżista fid-dinja.

Minħabba t-toqol tiegħu ma kienx kapaċi jtir. Imma kien jiġri. Fil-fatt l-isem li tawh huwa **Dromornis**, li tfisser eżattament hekk: għasfur ġerrej!

Fl-istampa jidher mhux *Dromornis*, imma *Bullockornis*, għasfur li kien jixbhu ħafna, imma kien kemm kemm iżgħar!

**Fil-foresti tropikali jgħixu 90 fil-mija ta' l-ispeċi ta' annimali kollha tad-dinja (li nafu bihom)!**

# Nar, balieni u Ġappuniżi!

Il-Ġappuniżi ffissati bil-laħam tal-baliena. Kontra x-xewqa ta' kulħadd, il-Ġappun għadu jistad għall-balieni fl-Oċejan Antartiku, santwarju kbir tal-ħajja tal-baħar. L-istaġun li għadda, il-whalers Ġappuniżi qabdu 438 baliena minke, taparsi biex jistudjaw fuqhom! Imbagħad biegħu l-laħam fis-suq għal $50 miljun!

F'Novembru l-flotta tal-whalers kienet reġgħet fi triqitha lejn dan l-Oċejan, imma l-factory ship (li fuqu jqattgħu u jippakkjaw il-balieni li jkunu qabdu) ħa n-nar u saritlu ħsara fil-magni. Minħabba f'dan l-inċident, li fih ma weġġa' ħadd, il-vapur se jkollu jmur lura l-Ġappun għat-tiswija.

Aħbar tajba għall-balieni, għax dan ifisser li għal dis-sena l-balieni se jħalluhom bi kwiethom!

Planet Ark



## L-Ikla tal-President

Darba fil-parroċċa tagħna
Ġie jarana l-President
"Nagħtu kasu la ġej s'għandna,"
Qallhom l-arċipriet kuntent.

Sar xi qbil bla kundizzjoni
Illi jsajru l-qassisin
B'xi fardal għal mas-suttana
Bit-tilari mdawrin.

"X'sajjartu, Dun Ġwann, il-lejla?"
"Imqarrun, Dun Pawl, u ross!"
Jilgħaq xofftu u jogħrok żaqqu
"Mela llum se nixbgħu skoss!"

Dun Ġwann kellu l-annimali
Tgħidx kemm kienu mqarbin
Kelb, qattus u qażqus ħelu
B'kappell ikanta x-xadin

Meta ġew sabiex jinġabru
Kulħadd dieħel għall-irdoss
Sabu l-pappagall inaqqar
U fuq it-tapit ir-ross.

"L-annimali! Kielu kollox!"
Dun Ġwann ħarab mill-kunvent.
L-arċipriet mar parroċċ'oħra.
Bil-ġuħ baqa' l-President.

## Kompetizzjoni 29

*Norman Chetcuti*
*(Poeta Nazzjonali Nru2)*



Għamiltilkom poeżija oħra! Din id-darba fiha hemm moħbijin **8 għasafar**. Sibuhom, u ibagħtuhomlna miktubin fuq karta, flimkien ma' isimkom u l-indirizz. L-ewwel waħda lestejnihielkom! U ħaġ'oħra, il-kelma 'pappagall' ma tgħoddx - dik biċċa mill-istorja! Ibagħtu kollox lil:

3 punti

**BirdLife Malta**
**57/12 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

Min jirbaħ jieħu **CD** ġentilment mogħti mill-ħanut **The Scorpion.** Ċans għandkom sal-15 ta' Jannar 1999.

**Tqattgħux il-Ħuttafa! Tqattgħux il-Ħuttafa!**

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 28 hija **Jennifer Hannaford** mill-Fgura. Jennifer tista' tmur tiġbor is-CD minn għand The Scorpion (ara isfel). Importanti li tieħu magħha l-membership card u dil-ħarġa tal-Ħuttafa. Is-7 annimali moħbijin kienu **kelb, xadin, ġiraffa, baqra, ljun, serp** u **tigra**. Xi wħud sabu tnejn oħra wkoll: **far** u **elk**!

THE SCORPION

*Martial Arts, Keep-fit, Sports and Music*

The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA19
Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284



BirdLife Pictures

# il-Borok

**Waħda mill-affarijiet li titgħallem meta tkun berdwoċer hi li hemm rabta bejn l-għasafar u l-ambjent. Jekk inħarsu lejn il-borok (jew papri), naraw li għandhom rix folt u żejtni biex l-ilma jiżloq minn fuqhom, u saqajn ċatti biex jgħumu.**

Il-Borok huma għasafar ta' l-ilma. Is-soltu issibhom fejn hemm l-ilma ħelu, bħal għadajjar u xmajjar. Hemm ukoll xi borok li jgħixu max-xatt (sea ducks), imma dawn jgħixu fit-tramuntana ta' l-Ewropa.

F'Malta neqsin mill-ambjent ta' ilma ħelu u ftit huma l-postijiet fejn nistgħu naraw il-borok. Fir-riserva ta' l-Għadira u s-Simar fil-ħarifa u fix-xitwa spiss jitfaċċaw gruppi żgħar ta' borok jieklu u jistrieħu waqt il-passa. L-ispeċi li spiss jidhru huma s-**Silfjun**, is-**Silfjun Ewropew**, is-**Sarsella** u l-**Brajmla**. Kultant jidhru wkoll xi speċi inqas komuni bħall-**Kuluvert tas-Salib**, il-**Palettuna** u l-**Kuluvert**. Fir-rebbiegħa tidher ukoll is-**Sarsella Ħamra**. L-irġiel ta' dawn l-ispeċi kollha għandhom kuluri mill-isbaħ, u n-nisa huma x'aktarx fil-kannella. Interessanti nosservaw il-metodi differenti ta' kif isibu l-ikel: is-Silfjun, per eżempju, jiekol mill-wiċċ, filwaqt li l-Brajmla togħdos u tiekol xi annimali żgħar li jgħixu mal-qiegħ.

Barra l-Għadira u s-Simar, kultant jinżlu xi borok fis-Salini u f'xi widien bħal Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes) u Għajn Riħana. Imma minħabba l-kaċċaturi, dawn ftit idumu ħajjin!

Sa ftit żmien ilu, l-ornitoloġisti (dawk li jistudjaw l-għasafar) Maltin ftit li xejn kienu jafu dwar il-passa tal-borok. Wara snin ta' studju u osservazzjoni, illum nafu li x-xtut ta' Malta tajbin ħafna biex tara l-borok ipassu. Fir-rebbiegħa, minn Frar sa l-aħħar ta' Marzu, qtajja' kbar ta' borok spiss jidhru fil-fliegu ta' bejn Mata u Għawdex. F'ġurnata waħda f'Marzu 1996 dehru 'l fuq minn 3000 borka 'l barra miċ-Ċirkewwa. Hija xena meraviljuża tara eluf ta' għasafar itiru baxx fuq l-ilma u kultant jieqfu jistrieħu qabel ikomplu l-vjaġġ lejn l-Ewropa.

Il-gżejjer Maltin huma importanti ħafna bħala rotta tal-passa. Fil-ħarifa l-borok jgħaddu mil-Lvant ta' Malta, u jidhru minn postijiet bħall-Għallis u l-Qawra.

**Biex tagħraf il-borok waqt li jkunu qed itiru fuq il-baħar mhux faċli. L-aħjar li jkollkom gajd u tromba u tingħaqdu ma' berdwoċers oħrajn - dawk tal-Birdwatchers Club, per eżempju!**

Silfjun Ewropew



Sarsella Ħamra



- Silfjun - Pintail
- Silfjun Ewropew - Wigeon
- Sarsella - Teal
- Brajmla - Pochard
- Kuluvert tas-Salib - Shelduck
- Palettuna - Shoveler
- Kuluvert - Mallard
- Sarsella Ħamra - Garganey



*Mark Falzon*

3 punti

# Danaws bir-rimi!

Sur Editur,

Hija, missieri u jien domna naraw id-Danaws matul ħarifa sħiħa. Dan kien fl-Archery Field ħdejn il-klabb ta' l-isports fil-Marsa. Fil-21 Sett 1997 rajna anke tnejn minnhom jissieħbu flimkien waqt li jtiru.

Fid-9 Nov 1997 rajna Danaws f'Sant Anton għal xi 20 minuta. Missieri qabdu b'idejh, rajnih ftit mill-viċin, imbagħad tlaqnih. Kienet mara, għax kellha biss 3 tikek suwed fuq ġwinħajha ta' wara. Dal-ġewnaħ kien ftit imqatta', imma mill-bqija l-farfett kien f'kundizzjoni tajba.

Fl-1 Jan 1998 rajna xagħat ta' dal-farfett qed jiekol minn pjanta li ma nafux xi speċi kienet, imma kienet l-istess tip li fuqha rajna l-farfett f'Sant Anton. Dan ix-xagħat kien xi 1.2ċm twil u xi 2mm oħxon, bil-ponot fuq ta' quddiem, fin-nofs u fuq wara. Ħallejnih fejn sibnih, u erġajna ġejna xi 10 jiem wara biex naraw kemm kiber, imma ma sibnihx.

Fil-11 Jan 1998 sibna l-fosdqa (pupa) tad-Danaws fil-ġonna ta' Msida Marina, kien imdendel minn ħajta, u mill-ġdid kien fuq pjanta ta' l-istess razza li rajna Sant Anton.

Ma' din l-ittra qed nibgħatlek ritratt tal-fosdqa li ħa missieri.

Andrew Galea
Birkirkara



Il-fosdqa tad-Danaws

Għażiż Andrew,

Kemm inti b'xortik, tara d-Danaws bl-addoċċ, bħallikieku kien l-iktar farfett komuni f'Malta! Jien id-drabi li rajtu tgħoddhom fuq id waħda!

Imsomma, prosit (ħlief li qgħadtu taqbduh - farfett m'għandekx taqbdu, lanqas b'idejk, għax malajr jitfarfar).

U grazzi tar-ritratt!

L-Editur

**Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!**

Birdlife Malta
57/12 Triq Rigord
Ta' Xbiex MSD 12



Victor Falzon

## *Flora Madwarna*

Il-**Garni tal-Pipa** hija pjanta mistħija! Mistħija għax l-ewwelnett m'għandhiex fjura tispikka ħafna. Jekk tista' ssejħilha fjura! Għax iktar qisha pipa, u għalhekk fil-fatt jisimha li jisimha! It-tieni nett ma tħobbx tikber f'postijiet fejn tidher wisq. Tippreferi d-dell, jew rokna taħt xi ċint umdu fejn ma tantx tara dawl. Jew għad-dliel ta' xi siġra. Spiss tkun midfuna qalb ħafna weraq tal-Ħaxixa Ingliża. Imma l-werqa tal-Garni tingħaraf, għax kbira, ħadra sabiħ u tleqq.

*"Books make a lasting gift"*
a great selection at special prices from
**MERLIN LIBRARY LTD**
**Mountbatten Street, Blata l-Bajda**

# Gallerija

Justin Schembri (13)



**Kukaburra**

Andrew Gauci Attard



**Gawwija Prima**



Josvic Zammit (10)



**Verdun**

David Attard (10)



**Agrett Abjad**

Ian Wright (12)



**Barbaġann**

Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.

10 punti

Ħawn x'hawn?!

# Party tal-Milied

**Is-sena l-oħra konna xi mija u tletin u mlejna sala!**
Min jaf dis-sena...
Ejjew u gawdu f'din l-aħħar attività tas-sena.
**Ikel, xorb, logħob, rigali, daqq, briju, bluhat, father krismis...**
Fejn?
**Skola Primarja tal-Furjana**
Meta?
**21 ta' Diċembru 1998**
Fi x'ħin?
**Mis-6.30pm sat-8.30pm.**
Dħul kemm?
**Lm1.50**




KLABB ĦUTTAF.

**Ċemplu biex tibbukkjaw!**
**347646 (8am-1pm)**
**436335 (5pm-9pm)**
**454548 (5pm-9pm)**
**Mhux wara 20 ta' Diċembru.**




* bejn it-8.00am u s-1.00p.m!


BirdLife Pictures

## Sejrin Seawatch Tiġi??

Meta jmur **Seawatching**, il-berdwoċer jara x'għasafar ikunu qed ipassu minn fuq il-baħar. Il-BirdLife għandha numru ta' berdwoċers li jagħmlu ħafna sigħat max-xtut, armati bit-trombi u t-teleskopji, biex iżommu rekord ta' x'tajr ikun għaddej.

F'din l-attività nistiednu **lill-membri Twelve Plus** ta' Klabb Ħuttaf biex jattendu Seawatch magħna. L-attività ser issir il-Qammieħ. Dawn huma d-dettalji:

Data: **19 ta' Diċembru 1998**

Niltaqgħu: **7.15am ħdejn tal-ħalib, Bieb il-Belt** jew **8.30 fil-venda ta' l-Għadira.**
Jekk ikun maltemp nidħlu r-riserva ta' l-Għadira...
**Narakom!**

Justin

**Birdwatchers Club**

M'intix berdwoċer Malti jekk m'intix ...fil-Birdwatchers Club!




**BirdLife Malta • 57/12 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**

# Ħmerijiet li nisma'...




**Kultant il-ħmerijiet li nisma' tant ikunu ta' barra minn hawn li jifqgħuni bid-daħq. Dan l-aħħar smajt lil tal-ħaxix jagħti parir fuq it-trabi lil żewġ nisa...**

Qallhom: "Attenti mill-ballottra. Jekk għandkom it-trabi ħudu ħsiebhom għax din tagħmel għall-ħalib. Dik tidħol f'ħalqhom għax ixxomm il-ħalib li jkunu xorbu. U attenti, għax dik minn kullimkien tgħaddi għax m'għandhiex għadam."

Ara kif jista' jkun. L-ewwelnett il-ballottra għandha għadam daqs kemm għandi jien, għax hija mammiferu bħalna. Kapaċi tidħol fi xquq dojoq għax magħmula żgħira, irqiqa u akrobatika.

Niġu għall-kwistjoni tal-ħalib. Il-ballottra tgħix fil-kampanja, 'il bogħod min-nies u mgerrxa sew minnhom. Tiekol ġrieden, firien, eċċ.

**Tgħid mhix ser tidħol fid-djar tan-nies u tfittex it-trabi!**

*Desirée Falzon*


All Day
Every Day
Mid-Med Bank
Services
**Available Here!**



NO SERVICE CHARGE

Enjoy the freedom and convenience of direct banking, 24 hours a day, 7 days a week.

Simple to use and completely confidential, Mid-Med Direct allows you to carry out your banking from the comfort of your phone in Malta or abroad.

*Banking is simple with...* MID-MED DIRECT

Try the service out on 493123 and phone 0800 77 44 44 for more details.

# Il-Ħuttafa tas-Sena

**Skema ġdida biex nippremjaw lil dawk il-membri li jieħdu l-iktar sehem attiv fi Klabb Ħuttaf.**

**X'ħa nagħmlu?**
B'attivitajiet irridu nfissru kemm il-ħarġiet jew serati li nagħmlu matul is-sena, u anke xi proġetti li nħabbru fil-magażin.
L-iskema se mmexxuha b'sistema ta' punti li kull attività ġġorr magħha. Naturalment, kull attività tvarja fil-punti skond kemm tkun ħafifa jew diffiċli. Il-punti ssiru tafuhom għax tarawhom immarkati ħdejn kull proġett li nagħmlu.
Il-logħba hija sempliċi. Min f'sena jtella' l-iktar punti jinħatar **il-Ħuttafa tas-Sena.**

**L-Attivitajiet**
Dawn huma l-attivitajiet li s'issa se jkunu mdaħħlin f'din l-iskema.

- **Iddaħħal membru ġdid**
- **Tibgħat bolli/telekards għall-Ballut**
- **Tieħu sehem fil-Kompetizzjoni**
- **Tattendi ħarġiet u serati**
- **Tibgħat lttra lill-editur**
- **Tpinġi għall-Gallerija**
- **Iġġib riklam lill-Klabb**

Barra minn dawn, se nagħtu punti lil dawk il-membri li b'xi mod jew ieħor jagħmlu xi ħaġa speċjali li biha jgħinu lil Klabb Ħuttaf.




**Is-Sinjal**
Dan t'hawn fuq huwa s-sinjal li ser tibdew taraw fil-magażin ħdejn dawk l-attivitajiet li jagħtukom il-punti jekk tieħdu sehem fihom.

**Il-Premjijiet**

| | |
|---|---|
| Il-Ħuttafa tas-Sena | **Gajd, Tromba u Ċertifikat** |
| L-ewwel runner-up | **Gajd u Ċertifikat** |
| It-tieni runner-up | **Gajd u Ċertifikat** |

Jingħata ċertifikat ukoll lil dawk li jiġu mir-raba' sa l-għaxar post.

**Kundizzjoni**
Biex tieħu sehem f'din l-iskema ma tridx tħalli l-miżata tiskadilek.

**Gawdu u irbħu ma' Klabb Ħuttaf**

## mill-Album

Dawn huma l-membri li attendew il-ħarġa għal Ta' Ċenċ. Għaddew lejl, semgħu ħafna Ċief u qalu li kienet esperjenza li ma jinsewha qatt!


Grace Camilleri

Xi membri li attendew l-Open Day taċ-Ċentru l-ġdid ta' BirdLife Malta. Marru skoss nies, fosthom membri tal-Klabb maħbub tagħna.


Ian Mifsud

# IMPORTANTIMPORTANTIMPORTANTIMPORT

L-indirizz il-ġdid ta' BirdLife Malta kellna *mill-ġdid* nerġgħu nirranġawh ftit, minħabba li fettlilhom bidlu n-numri tal-bibien! Mela issa l-indirizz irid jinqara hekk:

**BirdLife Malta**
**57/12 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**




Meta tiktbulna, qisu li l-indirizz tikbuh EŻATT kif jidher hawn fuq. Jiġifieri iddaħħlux iktar il-kliem KLABB ĦUTTAF jew KOMPETIZZJONI jew EDITUR jew IL-ĦUTTAFA jew ALIVE jew GALLERIJA jew xi ħaġa oħra. Dan minħabba regola tal-posta, li jekk ikun hemm kliem li mhux parti eżatt mill-indirizz, il-BirdLife qed teħel ċitazzjoni *kull darba*! U l-flus aħjar nużawhom f'xi fuljett sabiħ. Mhux hekk?!

# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u lilek nibagħtulek...

- **Tliet pitazzi ta' l-għasafar u**
- **Stiker bil-kulur ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**



**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________






**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta - 57/12 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

# Mhux sew!



Richard Cachia Zammit

Mhux sew!



Qabel...



...u wara!